MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 23.1.2008
SEC(2008) 85

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TA' L-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI**

# ***VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT***

***Dokument li jakkumpanja il-***

## Pakkett tal-miżuri ta' Implimentazzjoni għall-għanijiet ta' l-UE rigward il-bidla fil-klima u l-enerġija rinnovabbli għall-2020

Proposti għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u twessa' s-sistema Komunitarja għall-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-isforz ta' l-Istati Membri sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji Komunitarji għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-promozzjoni ta' l-użu ta' sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli**

{COM(2008) 16}
{COM(2008) 17}
{COM(2008) 19}

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TA' L-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI**

# Pakkett tal-miżuri ta' Implimentazzjoni għall-għanijiet ta' l-UE rigward il-bidla fil-klima u l-enerġija rinnovabbli għall-2020

## 1. DAĦLA

Fl-ewwel xhur ta' l-2007, l-Unjoni Ewropea żiedet l-ambizzjonijiet tagħha rigward l-enerġija u t-tibdil tal-klima biex tilħaq livelli ġodda. Il-Kummissjoni ressqet pakkett integrat ta' proposti biex titlob għal qabża sinifikanti fl-impenn ta' l-UE għall-bidla[1]. Il-kunsens politiku b'appoġġ għal dan l-approċċ kiber, bl-għajnuna tal-Parlament Ewropew[2] u l-Istati Membri fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007. Dan laħaq il-qofol tiegħu fi ftehim dwar il-prinċipji ta' metodu ġdid u stedina biex il-Kummissjoni tressaq proposti konkreti, inkluż kif l-isforzi jistgħu jitqassmu bejn l-Istati Membri sabiex jintlaħqu dawn il-miri:

- impenn indipendenti ta' l-UE sabiex jintlaħaq tnaqqis ta' mill-inqas 20% fil-gassijiet serra sa l-2020 meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990 u għan għal tnaqqis ta' 30% sa l-2020 soġġett għall-ilħiq ta' ftehim internazzjonali komprensiv dwar it-tibdil tal-klima;

- mira obbligatorja ta' l-UE ta' 20 % ta' enerġija rinnovabbli sa l-2020 li tinkludi mira ta' 10 % ta' bijokarburanti.

Din il-valutazzjoni ta' impatt takkumpanja tliet proposti ewlenin ta' politika li jimplimentaw il-pakkett miftiehem dwar l-enerġija u l-klima:

(a) proposta għal Direttiva dwar il-promozzjoni ta' l-enerġija rinnovabbli,

(b) proposta biex tkun emendata d-Direttiva ta' l-UE dwar l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet li tirrivedi s-sistema ta' l-iskambju ta' l-emissjonijiet ta' l-UE (l-EU-ETS),

(c) proposta marbuta mal-qsim ta' sforzi biex jinkiseb l-impenn indipendenti tal-Komunità fit-tnaqqis ta' gass b'effett ta' serra f'setturi mhux koperti mis-sistema ta' l-UE għal kummerċ f'emissjonijiet (bħat-trasport, il-bini, is-servizzi, stallazzjonijiet industrijali żgħar, agrikultura u skart).

Din il-valutazzjoni ta' impatt tistabbilixxi l-alternattivi esplorati u l-analiżi li saret sabiex jissaħħu l-għażliet ta' politika li saru fil-proposti. Ix-xogħol li twettaq kien ċentrali għall-konklużjonijiet li ntlaħqu mill-Kummissjoni – kif juri dan is-sommarju, il-Kummissjoni rfinat il-proposti tagħha fid-dawl ta' l-impatti mistennija tagħhom. Il-proposti li ġejjin huma

---

1 Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa - COM(2007) 1 - u Nillimitaw it-Tibdil tal-Klima Globali għal 2 gradi Celsius – It-triq quddiemna għall-2020 'il quddiem COM(2007) 2.

2 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-bidla fil-klima, adottata fl-14 ta' Frar 2007 (P6_TA(2007)0038).

kumplessi, b'miri ta' politika li jsaħħu lil xulxin, imfassla sabiex jikkombinaw irwieħhom sew biex jintlaħqu l-miri ta' l-UE b'mod li jkun politikament aċċettabbli kif ukoll ekonomikament effiċjenti. L-implikazzjonijiet tal-proposti huma sostanzjali – imma l-alternattiva tat-tfassil tal-politika magħżula tagħti lill-UE opportunità li tagħmel adattamenti għal bidla ferm inqas diffiċli. Fl-aħħarnett, l-Unjoni Ewropea qed tippromwovi bidla li se jkollha impatt profond fuq l-Ewropej għal għexieren ta' snin; għalhekk, il-Kummissjoni qagħdet ferm attenta li tiżgura li jista' jintwera li l-proposti tagħha kienu l-frott ta' analiżi attenta min-naħa ta' dawk li jfasslu l-politika.

Ix-xogħol fuq din l-analiżi beda ferm qabel il-proposti tal-Kummissjoni ta' Jannar 2007. Hekk kif ix-xogħol daħal aktar fil-fond, inbidlu ċerti suppożizzjonijiet dwar l-ispejjeż li kienu stabbiliti fil-proposti. Raġuni waħda hija li tul dawn l-aħħar 12-il xahar kien hemm bidliet sostanzjali fil-prezzijiet ta' l-enerġija, kemm f'termini relattivi kif ukoll f'termini assoluti, kemm għal sorsi ta' enerġija konvenzjonali kif ukoll għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

## 2. IL-PRINĊIPJI EWLENIN GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Il-Kummissjoni bbażat din il-valutazzjoni ta' impatt fuq għadd ta' prinċipji ewlenin:

L-effikaċja fl-infiq – l-ilħiq ta' l-għanijiet miftiehma jista' jkollu impatti ekonomiċi sinfikanti u għalhekk l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' politika li jkunu ekonomiċi hija kruċjali.

Il-flessibbiltà – Il-valutazzjoni ta' l-impatt tqis ċirkostanzi nazzjonali ex-ante differenti, eż. it-tkabbir previst tal-PGD, il-bidliet previsti fis-setturi ta' l-industrija u ta' l-enerġija. Madankollu, dawn il-previżjonijiet mhumiex ċerti. Għalhekk, l-istrumenti ta' politika proposti jeħtieġ li jaħsbu għal biżżejjed flessibbiltà b'mod li jintlaħqu l-miri. Mingħajr strumenti ta' politika li jaħsbu għall-flessibbiltà, kwalunkwe varjazzjoni mill-previżjonijiet ex-ante tista' twassal għal spejjeż li alternattiva inqas riġida tista' tevita.

Is-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta – L-istrumenti ta' politika proposti jeħtieġ li jkunu konsistenti u joħolqu l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd fl-UE li jiżguraw kompetizzjoni ġusta fost l-industriji ta' l-UE fil-kuntest tas-suq intern. Dan jista' jintlaħaq permezz ta' l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-swieq, bħall-EU-ETS kif ukoll politiki u miżuri oħra mifruxa mal-Komunità, bħall-istandards tal-prodotti.

Is-sussidjarjetà – Huwa importanti li jkun żgurat li l-azzjoni tittieħed fuq il-livell l-aktar xieraq. F'uħud mis-setturi, bħat-trasport, l-Istati Membri għandhom kompetenzi ewlenin li jiddefinixxu l-politiki u l-miżuri ambizzjużi, bħal skemi ta' tassazzjoni, ġestjoni ta' traffiku, bidla modali, trasport pubbliku u l-ippjanar urban u tat-trasport. F'dawn is-setturi, jeħtieġ li l-UE toħloq il-qafas li se jippermetti dan kollu, fejn, pereżempju, tikkonċentra fuq l-iffissar tal-miri minimi, ta' l-istandards tal-prodotti u ta' politiki oħra ta' appoġġ. F'oqsma oħra, fejn ikun hemm suq uniku b'kompetizzjoni ħielsa, li jkollu 27 regola, standard u regolament nazzjonali dan se jirriżulta f'żieda mhux meħtieġa ta' spejjeż u fi tfixkil ta' deċiżjonijiet ekonomiċi. Għal dawn l-oqsma, huwa xieraq li jkun provdut qafas regolatorju dettaljat fuq il-livell Ewropew.

Il-ġustizzja – F'Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa li jeħtieġ li jitqies li ċ-ċirkostanzi differenti ta' l-Istati Membri u r-realtà li livelli differenti ta' prosperità għandhom fuq il-kapaċità ta' l-Istati Membri li jinvestu.

Il-kompetittività u l-innovazzjoni – Sakemm jintlaħaq ftehim internazzjonali komprensiv, jista' jkun hemm tnixxigħat ta' karbonju li jheddu l-għan ambjentali ġenerali tal-politiki ta' l-UE dwar il-klima u l-enerġija. F'ċirkostanzi bħal dawn, uħud mill-industriji intensivi fl-enerġija partikolarment esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali jistgħu jiġu affetwati. Il-ħtieġa li tkun imħarsa l-pożizzjoni kompetittiva ta' l-industrija ta' l-UE tqieset fit-tfassil tal-proposti filwaqt li, l-għanijiet miftiehma jirriflettu impenn ċar biex ikunu minn ta' quddiem rigward it-tibdil tal-klima, itejbu s-sigurtà ta' l-enerġija u jaċċeleraw l-innovazzjoni kif ukoll joħolqu vantaġġ kompetittiv fit-teknoloġiji ta' enerġija nadifa u fit-teknoloġiji industrijali.

## 3. IL-METODOLOĠIJA

Il-miri għall-klima u għall-enerġija rinnovabbli huma ta' natura ambizzjuża u se jeħtieġu investiment ekonomiku inizjali sinifikanti, anki jekk il-benefiċċji ġenerali fit-tul ikunu pożittivi u importanti għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-ekonomija ta' l-UE. Dan jenfasizza l-importanza tal-kwistjoni dwar kif jiġu stabbiliti politiki li jnaqqsu l-ispejjeż ekonomiċi u fl-istess ħin iqassmu l-isforz b'mod ġust fost l-Istati Membri u fis-setturi ekonomiċi differenti.

### (a) L-għodda ta' l-immudellar ekonomiku

Għall-fini ta' din il-valutazzjoni ta' impatt, intuża sett ta' għodda ta' l-immudellar. L-ebda mudell waħdieni ma jista' jivvaluta l-firxa sħiħa ta' parametri u ta' impatti ta' tliet proposti ta' politika differenti fuq livelli differenti (l-UE kollha, il-livell ta' l-Istati Membri, il-livell settorjali) – u l-kumplessità tal-pakkett, ikun xi jkun il-każ, jitlob biex l-alternattivi jkunu esplorati b'għadd ta' modi, fejn jintużaw mudelli differenti sabiex jittestjaw kemm huma robusti l-alternattivi.

L-impatti ta' metodoloġiji differenti sabiex ikunu kondiviżi l-isforzi għat-tliet proposti ta' politika għalhekk ġew ivvalutati permezz ta' għadd ta' mudelli u ta' alternattivi.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-għodda ta' l-immudellar ma ntużawx għad-determinazzjoni tal-miri, imma għall-valutazzjoni ta' l-effetti ta' metodoloġiji differenti ta' allokazzjoni u ta' għażliet differenti għat-tfassil tal-politiki. L-Anness I jinkludi deskrizzjoni tal-mudelli ewlenin li ntużaw.

### (b) L-isforz għat-tnaqqis tal-gassijiet serra (GHG): il-ħtieġa li jkunu determinati miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-GHG li mhumiex koperti mill-ETS

L-EU-ETS hija strument politiku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-impjanti ta' l-elettriku u f'istallazzjonijiet industrijali ewlenin. Illum tkopri xi 40% mill-emissjonijiet kollha tal-gassijiet serra ta' l-UE-27. Il-valutazzjoni ta' impatt għall-analiżi ta' l-EU-ETS tivvaluta diversi alternattivi rigward il-proċedura għall-iffissar tal-limiti massimi skond l-EU-ETS. L-alternattiva preferuta li tirriżulta huwa limitu massimu wieħed għall-UE kollha għall-emissjonijiet koperti mill-EU-ETS, li bħala tali jiżgura l-effettività u l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd fis-suq uniku Ewropew sabiex ikun iffissat il-limitu massimu xieraq, ikun hemm aktar prevedibbiltà, sempliċità u trasparenza, tiġi garantita kredibbiltà internazzjonali u jiġi żgurat l-ilħiq tal-kontribuzzjoni xierqa ta' l-EU-ETS għall-impenn tat-tnaqqis ta' 20% tal-GHG.

L-għażla ta' limitu massimu wieħed għall-UE kollha skond l-EU-ETS timplika li l-isforz totali għat-tnaqqis tal-gassijiet serra jrid jiġi maqsum bejn is-setturi ta' l-EU-ETS u dawk li

mhumiex ta' l-EU-ETS. Konsegwenza oħra hija li l-kondiviżjoni ta' l-isforzi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra fost l-Istati Membri tiġi determinata biss għas-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS. Dawn is-setturi llum jirrappreżentaw madwar 60% mill-emissjonijiet totali tal-GHG fl-UE u huma relatati ma' firxa wiesgħa ta' setturi li fil-biċċa l-kbira jkopru emittenti fuq skala żgħira, bħat-trasport (karozzi, trakkijiet), il-bini (b'mod partikolari t-tisħin), is-servizzi, l-istallazzjonijiet industrijali ta' daqs iżgħar, l-agrikoltura u l-iskart[3]. F'dawn is-setturi, l-Istati Membri għandhom kompetenzi ewlenin sabiex jiddefinixxu u jimplimentaw politiki u miżuri. Fl-istess ħin, numru ta' miżuri mifruxa ma' l-UE kollha, bħal dawk relatati ma' l-istandards għall-effiċjenza ta' l-enerġija, mal-Politika Agrikola Komuni jew mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet f'dawn is-setturi.

(c) Is-sena bażi

Fil-valutazzjoni ta' impatt, is-sena 2005 ntużat bħala s-sena bażi jew 'il-livell ta' referenza' li miegħu qed jiġu mqabbla t-tnaqqis fil-gassijiet serra u ż-żidiet fl-ishma ta' enerġija rinnovabbli. Il-kalkolu tat-tnaqqis u ta' l-ishma ta' l-enerġija rinnovabbli mqabbel ma' l-2005 jagħti stampa trasparenti u li tifhimha faċilment tal-bidliet meħtieġa, peress li jqabbel bidliet bħal dawn mas-sitwazzjoni preżenti.

Barra minn hekk, l-2005 hija l-unika sena li għaliha hija disponibbli data verifikata u affidabbli dwar l-emissjonijiet kemm għall-EU-ETS (l-emissjonijiet ivverifikati fuq il-livell ta' l-istallazzjonijiet) kif ukoll għall-emissjonijiet totali tal-GHG ta' l-Istati Membri kif ġew irrappurtati lill-UNFCCC[4]. Għat-tqassim tal-mira tat-tnaqqis totali tal-GHG bejn l-EU-ETS u s-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS, jeħtieġ l-użu konsistenti taż-żewġ settijiet ta' data sabiex ikun żgurat li l-effett ikkombinat tagħhom jissarraf fit-tnaqqis totali ta' 20% tal-gassijiet serra meta mqabbla ma' l-1990.

(d) L-unità ta' kejl għall-enerġija

L-enerġija ta' spiss tiġi espressa f'termini ta' "konsum ta' l-enerġija primarja". Dan il-metodu jkejjel il-kontenut ta' l-enerġija ta' l-ewwel komodità jew tal-materja prima li hija l-bażi għal użi multipli ta' l-enerġija qabel it-trasformazzjoni fl-użu ta' l-enerġija finali. Bħala tali, ma jitqies l-ebda telf mit-trasformazzjoni. Pereżempju, għall-elettriku li huwa ġġenerat mir-riħ, mill-idroenerġija jew mill-enerġija solari, wieħed jassumi li l-input ta' l-enerġija primarja huwa daqs l-output ta' l-enerġija. Dan iqiegħed lil dawn is-sorsi 'mhux termali' ta' enerġija rinnovabbli fi żvantaġġ meta mqabbel ma' sorsi oħra ta' enerġija għaliex anki jekk jipproduċu l-istess ammont ta' elettriku, xorta jeħtieġu ammont aktar baxx ta' enerġija primarja peress li ma jiġi spjegat l-ebda telf mit-trasformazzjoni.

Din ix-xaqliba kontra l-enerġija rinnovabbli ssir dejjem aktar sinifikanti hekk kif is-sehem ta' dawn is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jikber fi ħdan it-taħlita totali ta' l-enerġija. Metodu ieħor li jkejjel il-"konsum gross ta' l-enerġija finali", iddefinit bħala l-komoditajiet ta' l-enerġija li jingħataw lill-konsumaturi finali għal finijiet ta' l-enerġija jinnewtralizza din il-

[3] L-agrikultura u l-iskart iwasslu għal ammont sostanzjali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li mhumiex CO2 (metanu, N20). L-emissjonijiet kollha tal-gassijiet serra li mhumiex CO2 jirrappreżentaw xi 20% ta' l-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra fl-UE, filwaqt li s-CO2 jirrappreżenta xi 80%

[4] Malta u Ċipru m'għandhom l-ebda impenn ta' tnaqqis skond il-Protokoll ta' Kjoto u b'hekk m'għandhom l-ebda rekwiżit annwali ta' rapportaġġ dwar l-emissjonijiet skond il-UNFCCC. Imma skond id-Deċiżjoni ta' l-UE dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ Nru 280/2004/KE, l-Istati Membri kollha għandhom jippreparaw rapport annwali ta' inventarju.

problema. Il-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti (id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE) iffissat l-għanijiet għall-enerġija rinnovabbli (fis-setturi ta' l-elettriku u tal-bijofjuwils) aktar abbażi tal-konsum ta' l-enerġija finali milli tal-konsum ta' l-enerġija primarja.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kumissjoni adottat il-konsum ta' l-enerġija finali bħala l-unità ta' kejl tal-miri għall-enerġija rinnovabbli.

(e) Il-valutazzjoni ta' l-għażliet

Biex ikunu implimentati kemm il-mira ta' l-enerġiji rinnovabbli kif ukoll l-impenn għat-tnaqqis tal-GHG, se jkollha tintuża firxa wiesgħa ta' għażliet ta' tfassil ta' politika. Sabiex ikunu valutati l-impatti totali ta' dawn l-għażliet differenti, ġew żviluppati diversi alternattivi ta' mudellar li jużaw is-sett tal-mudelli, li jirrifletti kombinazzjonijiet ta' għażliet ta' tfassil ta' politika. Madankollu, l-alternattivi kollha huma bbażati fuq l-ilħiq fl-istess ħin kemm tal-mira ta' 20% ta' enerġiji rinnovabbli kif ukoll it-tnaqqis ta' 20% fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Il-punt ċentrali tal-valutazzjoni ta' impatt kienet alternattiva ċentrata fuq l-effiċjenza fl-infiq fuq il-livell ta' l-UE. Din l-alternattiva tirrifletti metodu ta' l-inqas spiża li permezz tiegħu ż-żewġ miri jistgħu jintlaħqu fl-istess ħin fi ħdan l-UE bl-inqas spiża għall-UE kollha, skond sett ta' kundizzjonijiet ta' qafas bħall-projbizzjoni tat-tisħiħ estern tat-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija jew ta' l-importazzjoni ta' krediti JI/CDM. Għalhekk tassumi li l-ispejjeż marġinali fl-Istati membri kollha u fis-setturi kollha jiġu ugwalizzati, kemm għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fi ħdan u barra mill-EU-ETS kif ukoll għall-użu ta' l-enerġija rinnovabbli. Din il-valutazzjoni turi li allokazzjoni għalkollox effiċjenti fl-infiq ta' l-isforz lill-Istati Membri għandha twassal għal differenzi sostanzjali fl-ispejjeż ekonomiċi bejn l-Istati Membri. Peress li l-Kummissjoni tqis li dan ir-riżultat jirrappreżenta domanda sproporzjonata fuq l-Istati Membri bl-aktar livelli baxxi ta' PGD per capita, eżaminat l-alternattivi.

Ġew analizzati diversi alternattivi meta mqabbla ma' l-alternattiva ta' referenza ċentrali effiċjenti fl-infiq, sabiex jintlaħaq tqassim ġust ta' l-isforz bejn l-Istati Membri mingħajr ma jkun hemm żieda sinifikanti fl-ispiża ekonomika totali. Dawn l-għażliet tat-tfassil ta' politika huma relatati mal-miri ffissati għat-tnaqqis tal-gassijiet serra fis-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS, mal-miri għall-enerġiji rinnovabbli u ma' l-ammont li l-Istati Membri jitħallew jirkantaw skond l-EU-ETS.

Il-valutazzjoni ta' impatt tal-mira ta' l-enerġiji rinnovabbli assumiet ukoll l-implimentazzjoni ta' politiki effiċjenti fl-enerġija li għadhom ma ġewx implimentati, bħal dawk stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija. Dawn ma kinux speċifikatament inklużi fl-alternattiva ta' referenza effiċjenti fl-infiq li hija mbuttata biss mill-prezzijiet tal-karbonju u mill-politiki ta' inċentiv għall-enerġiji rinnovabbli.

Barra minn hekk, kien ivvalutat l-impatt ta' l-aċċess għall-krediti minn attivitajiet ibbażati fuq proġetti, bħas-CDM, fuq l-ispejjeż biex jintlaħqu l-miri.

Fl-aħħarnett, sabiex ikun indirizzat it-tħassib dwar it-telf tal-karbonju u dwar il-kompetittività ta' industriji intensivi fl-enerġija li jkunu esposti internazzjonalment, ġew ivvalutati wħud mill-alternattivi sabiex jinstabu l-aħjar modi biex jiġu limitati l-impatti negattivi potenzjali permezz ta' (i) livelli differenti ta' aċċess għal attivitajiet ibbażati fuq proġetti bħas-CDM, (ii) l-użu ta' ftehimiet settorjali internazzjonali, (iii) l-allokazzjoni ħielsa kontinwa ta' konċessjonijiet lill-istallazzjonijiet industrijali għajr is-settur ta' l-enerġija, u (iv) l-inklużjoni fl-EU-ETS ta' importazzjonijiet ta' oġġetti intensivi fl-enerġija.

Ix-xenarji ta' politika kollha jqisu t-titjib gradwali fl-effiċjenza teknika, il-bidla normali fl-istokk kapitali (eż. l-impjanti ta' l-enerġija l-qodma jiġu sostitwiti minn impjanti ġodda li jkunu aktar effiċjenti), l-effetti tal-prezzijiet relattivament ogħla ta' l-enerġija li kienu previsti (fejn wieħed jassumi prezz ta' US$ 61 għal kull barmil żejt), il-politiki dwar l-effiċjenza fl-

enerġija implimentati fl-Istati Membri sa tmiem l-2006 u l-effetti addizzjonali fuq l-effiċjenza ta' prezzijiet ogħla tal-karbonju.

## 4. L-ALTERNATTIVA TA' REFERENZA EFFIĊJENTI FL-INFIQ

### (a) Ir-riżultati ġenerali

L-alternattiva ta' referenza effiċjenti fl-infiq tilħaq kemm il-mira ta' tnaqqis ta' 20% tal-gassijiet serra kif ukoll il-mira ta' 20% ta' enerġija rinnovabbli fl-istess ħin bi spiża ekonomika diretta[5] ta' 0.58% tal-PGD ta' l-UE jew €91bn fl-2020. Dawn l-għanijiet ġew previsti sabiex jintlaħqu bi prezz tal-karbonju ta' €39 għal kull tunnellata metrika ta' $CO_2$ u b'inċentiv għall-enerġija rinnovabbli ta' €45 għal kull MWh. L-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass mistennija jinżlu b'xi €50bn fl-2020, l-ispejjeż tal-kontroll tat-tniġġis ta' l-arja mistennija jinżlu b'madwar €10bn fl-2020 (ara l-kolonna 1 tat-Tabella III għal aktar dettalji) filwaqt li l-prezzijiet ta' l-elettriku probabbilment li jitilgħu b'10-15% meta mqabbla mal-livell tal-lum (ara l-kapitolu 10). B'mod ġenerali, dan iwassal għal titjib fl-intensità ta' l-enerġija ta' madwar 32% bejn l-2005 u l-2020[6].

L-alternattiva ta' referenza effiċjenti fl-infiq tassumi li m'hemmx aċċess għall-krediti ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet għall-pajjiżi terzi bħas-CDM. Jekk dan jitħalla, bħal f'din il-proposta, huwa maħsub li l-ispejjeż jonqsu għal 0.45 % tal-PGD (ara il-Kapitolu 8 u t-Tabella III, il-kolonna 3).

### (b) Xenarju ta' ekonomija minn prezzijiet għolja taż-żejt

L-għażla ta' referenza ekonomika tassumi li l-prezzijiet taż-żejt jiżdiedu minn US$ 55 għall kull barmil fl-2005 sa US$ 61 għal kull barmil fl-2020. Kien ezaminat ukoll xenarju ta' bażi ta' prezz għoli taż-żejt, li fih il-prezzijiet taż-żejt jerġgħu jogħlew għal US$ 100 għal kull barmil fl-2020 b'żiediet fil-prezzijiet relatati għall-gass naturali u l-faħam. L-ispejjeż totali tas-sistema ta' l-enerġija jiżdied sostanzjalment fix-xenarju tal-prezzijiet għoljin taż-żejt, b'€ 275 bn.

Min-naħa l-oħra, l-isforz addizzjonali meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-GHG u l-RES jonqos b'madwar € 32 bn għal € 59 bn jew ftit inqas minn 0.4% tal-PGD, b'hekk jidher li l-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni tal-miri tal-GHG u l-RES huma ħafna inqas mill-impatti ekonomiċi taż-żidiet fil-prezzijiet taż-żejt bħalissa.

### (c) L-isforzi relattivi għas-setturi ta' l-EU-ETS u dawk li mhumiex ta' l-EU-ETS

Sabiex ikun determinat l-isforz biex jintlaħaq l-impenn ta' tnaqqis ta' 20% fil-gassijiet serra bejn l-EU-ETS, jiġifieri l-limitu massimu ta' l-EU-ETS, u s-setturi li mhumiex koperti mill-

---

5 L-ispejjeż ekonomiċi diretti huma ż-żieda fl-ispejjeż esperjenzata fis-sistema ta' l-enerġija (l-ispejjeż ta' l-investiment u l-bidliet fl-ispejjeż operattivi, ta' ġestjoni u tal-fjuwil) u minħabba miżuri ta' mitigazzjoni għall-gassijiet li mhumiex CO2. Dawn ma jirrappreżentawx telf nett fil-PGD. Jagħtu valutazzjoni ta' l-ammont ta' riżorsi addizzjonali fi ħdan il-PGD tagħna li jeħtieġ li jkun maħsub għal miżuri ta' mitigazzjoni u l-enerġija rinnovabbli sabiex jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-gassijiet serra u ta' l-enerġiji rinnovabbli.

6 Din hija aċċelerazzjoni konsiderevoli fit-titjib ta' l-intensità ta' l-enerġija meta mqabbla max-xejriet ta' l-aħħar 15-il sena (bejn l-1990 u l-2005 l-intensità ta' l-enerġija tjiebet bi 19%).

ETS, l-għażla preferuta kienet dik li tintuża l-alternattiva ta' referenza effiċjenti fl-infiq bħala bażi, li tiżgura spiża totali minima. Il-prezz tal-karbonju li jirriżulta f'dan ix-xenarju huwa ta' €39 għal kull tunnellata metrika ta' $CO_2$.

It-tqassim ta' l-isforz effettiv fl-infiq previst sabiex jintlaħqu kemm il-miri tal-gassijiet serra kif ukoll tas-sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli jwassal għat-tqassim ta' l-isforz li ġejja bejn is-setturi ta' l-EU-ETS u dawk li mhumiex ta' l-ETS[7]:

- Sa l-2020, il-limitu massimu għall-UE kollha għas-setturi attwali ta' l-ETS jeħtieġ li jitnaqqas b'madwar 21% meta mqabbel ma' l-2005[8].
- Is-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS jeħtieġ li jnaqqsu l-emissjonijiet b'madwar 10% meta mqabbla ma' l-2005.

Din id-diviżjoni, b'madwar 60% ta' tnaqqis li għandu jintlaħaq fis-setturi ta' l-EU-ETS, tirrifletti l-potenzjal akbar ta' effiċjenza fl-infiq b'mod partikolari fis-settur ta' l-elettriku meta mqabbel mas-setturi li mhumiex ta' l-ETS. Barra minn hekk, qed jiġi stmat li aktar minn nofs il-mira ta' 20% ta' enerġija rinnovabbli tintlaħaq fis-setturi ta' l-EU-ETS, biex għaldaqstant jiżdied l-isforz effettiv fl-infiq tat-tnaqqis tal-gassijiet serra fi ħdan l-EU-ETS u jintwerew is-sinerġiji bejn l-EU-ETS u l-politiki dwar l-enerġiji rinnovabbli. Tenfasizza wkoll li hemm ħtieġa għall-possibbiltà ta' flessibbiltà sabiex jintlaħqu l-miri għall-enerġiji rinnovabbli għaliex jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-alternattivi ta' tnaqqis fl-EU-ETS fejn f'dan il-metodu qed tinbena flessibbiltà sħiħa.

Għandu jiġi nnotat li fi ħdan is-setturi li mhumiex ta' l-ETS, hemm differenzi konsiderevoli, bi tnaqqis akbar fil-gassijiet li mhumiex CO2 (-21% meta mqabbla ma' l-2005), u opportunitajiet ta' tnaqqis aktar baxx ta' l-emissjonijiet tas-CO2 minn, pereżempju, bini u saħansitra aktar mit-trasport (-7% meta mqabbla ma' l-2005).

(d) L-effetti ta' *tqassim* fl-alternattiva ta' referenza effiċjenti fl-infiq

Id-differenzi bejn l-Istati Membri fiż-żieda ta' l-ispejjeż għas-sistema ta' enerġija diretta u fiż-żieda ta' l-ispejjeż ta' mitigazzjoni tal-gassijiet li mhumiex $CO_2$ fl-2020 relattivi għall-PGD huma sostanzjali. Fix-Xenarju 1 tat-Tabella II, iż-żieda fl-ispejjeż diretti relattivi għall-PGD qed jingħataw għax-xenarju ta' referenza effiċjenti fl-infiq għal kull Stat Membru. Bejn wieħed u ieħor, din iż-żieda fl-ispejjeż diretti tammonta għal 0.58% tal-PGD ta' l-UE. Madankollu, ir-riżultati speċifiċi għall-pajjiżi juru li tqassim effettiv fl-infiq ta' l-isforz bejn l-Istati Membri jirriżulta fi spejjeż diretti proporzjonalment ogħla għall-Istati Membri bi PGD per capita aktar baxx u b'hekk bl-iżgħar kapaċità li jinvestu fil-mitigazzjoni tal-gassijiet serra u fl-enerġija rinnovabbli. Il-valutazzjoni ta' impatt turi wkoll li anki f'termini ta' effetti makroekonomiċi fuq il-PGD tinġibed konklużjoni simili rigward it-tqassim ta' l-isforz effettiv fl-infiq.

7 Innota li l-isforz totali meħtieġ għat-tnaqqis tal-GHG fl-UE mqabbel ma' l-2005 huwa ta' inqas minn 20% sabiex jintlaħaq tnaqqis ta' 20% meta mqabbel ma' l-1990 meta jitqies li l-emissjonijiet tal-GHG fl-UE fl-2005, inkluża l-avjazzjoni, diġà huma 6.8 % taħt il-livell ta' l-1990.

8 Is-settur ta' l-ETS kollu, inkluża l-avjazzjoni fi ħdan l-UE u dik li toħroġ barra mill-UE, jara l-emissjonijiet imnaqqsa b'madwar 18% meta mqabbla ma' l-2005. Ara t-Tabbella 3, il-kolonna 1.

Id-differenzi nazzjonali kbar f'dawn l-ispejjeż mhumiex konsistenti mal-ħtieġa li l-isforz jiġi kondiviż b'mod ġust u ekwu, kif miftiehem mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa. Għandu jiġi enfasizzat li bit-tkabbir ta' l-UE, id-diverġenzi ekonomiċi u soċjali fl-UE-27 żdiedu b'mod konsiderevoli, bil-PGD/capita f'uħud mill-pajjiżi ikun aktar baxx b'fattur ta' 10 mill-pajjiżi l-aktar għonja.

L-għażliet tat-tfassil għall-istrumenti ta' politika proposti jeħtieġ li jqisu dawn id-differenzi kbar fl-impatti u jiżguraw li t-tqassim ta' l-isforzi jwasslu għal tqassim aktar ġust ta' l-impatti bejn l-Istati Membri. Ġew ivvalutati tliet għażliet ta' politika ewlenin rigward id-differenzazzjoni:

- Il-miri għall-Istati Membri fis-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS jistgħu jiġu differenzjati (ara l-Kapitolu 5).

- Żieda fl-użu ta' l-irkant fl-EU-ETS tista' tippermetti tqassim mill-ġdid parzjali tad-dritt li jiġu rkantati l-konċessjonijiet fost l-Istati Membri (ara l-Kapitolu 6).

- Il-miri nazzjonali ffissati għall-użu ta' l-enerġija rinnovabbli jistgħu jkunu differenzjati bejn l-Istati Membri (ara l-Kapitolu 7).

## 5. ID-DIFFERENZAZZJONI BEJN L-ISFORZI TA' L-ISTATI MEMBRI GĦAT-TNAQQIS TAL-GASSIJIET SERRA FIS-SETTURI LI MHUMIEX TA' L-EU-ETS

Fil-valutazzjoni ta' impatt, tqiesu diversi alternattivi. Il-kolonna 2 tat-Tabella I u l-Figura t'aktar 'l isfel jirrappreżentaw xenarju alternattiv mill-għażla effettiva fl-infiq fejn il-miri fis-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS jiġu modulati skond il-livell relattiv tal-PGD/capita ta' l-Istati Membri. Jeħtieġ li l-Istati Membri bi PGD/capita taħt il-medja ta' l-UE inaqqsu inqas mill-medja ta' l-UE (jiġifieri, madwar -10% taħt il-livelli ta' l-2005) u f'uħud mill-każijiet saħanistra jitħallew iżidu l-emissjonijiet tagħhom 'il fuq mil-livelli ta' l-2005 fis-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS b'massimu ta' +20% 'il fuq mil-livelli ta' l-2005. Jeħtieġ li l-Istati Membri bi PGD/capita 'l fuq mill-medja ta' l-UE inaqqsu aktar mill-medja ta' l-UE bi tnaqqis massimu ta' -20% taħt il-livelli ta' l-2005 għal dawk l-Istati Membri bl-ogħla PGD/capita.

**Figura: Il-miri speċifiċi għall-pajjiżi għas-setturi li mhumiex ta' l-EU-ETS modulati abbażi tal-PGD/capita**




F'dan il-metodu, f'setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS, pajjiżi bi PGD per capita aktar baxx jitħallew ikollhom aktar emissjonijiet milli kellhom fl-2005 biex b'hekk jirriflettu l-previżjonijiet li t-tkabbir ekonomiku relattivament ogħla se jkun akkumpanjat minn żieda fl-emissjonijiet, pereżempju, fis-settur tat-trasport, u sa ċertu punt fit-tisħin tal-bini. Minkejja dan, dawn il-miri xorta jirrappreżentaw limitu massimu fuq l-emissjonijiet tagħhom u jirrappreżentaw kontribuzzjoni reali minn dawk l-Istati Membri.

Ix-Xenarju 2 tat-Tabella II juri l-effetti ta' dawn il-miri differenzjati fuq l-ispejjeż diretti. Filwaqt li għall-UE kollha l-ispiża totali tiżdied biss minn 0.58 għal 0.61% tal-PGD, it-tnaqqis fl-ispejjeż jista' jkun sostanzjali f'dawk il-pajjiżi bi PGD per capita tassew baxx relattivament għall-medja ta' l-UE. B'kollox, il-firxa ta' żidiet fl-ispejjeż diretti għal kull Stat Membru f'din l-allokazzjoni modulata hija ferm eqreb il-medja ta' l-UE meta mqabbla ma' l-allokazzjoni effettiva fl-infiq. B'hekk, l-allokazzjoni modulata twassal għal sforz aktar indaqs u aktar ġust fl-Istati Membri kollha ta' l-UE.

## 6. TQASSIM MILL-ĠDID PARZJALI TAD-DRITTIJIET TA' L-IRKANT SKOND L-EU-ETS

Il-valutazzjoni ta' impatt ta' l-analiżi ta' l-EU-ETS tikkonkludi li l-alternattiva fit-tul ippreferuta hija l-irkant sħiħ bl-allokazzjoni ħielsa ssir waqt perjodu tranżitorju bbażat fuq regoli armonizzati ma' l-UE kollha, u fejn jitqies il-progress sabiex jintlaħaq ftehim internazzjonali ħalli jkun evitat telf nett tal-karbonju u għal dawk l-istallazzjonijiet f'setturi intensivi fl-enerġija esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali. Din il-valutazzjoni ta' impatt analizzat anki l-effetti makroekonomiċi u tat-tqassim ta' l-introduzzjoni ta' livelli għolja ta' rkant.

(a) Id-dħul finanzjarju mill-irkant

Id-dħul li jista' jiġi ġenerat permezz ta' rkant huwa sostanzjali. Jekk is-setturi kollha fl-EU-ETS jkollhom jakkwistaw konċessjonijiet permezz ta' l-irkant b'valur ta' karbonju ta' madwar €40 għal kull konċessjoni fl-2020, kif ġie stmat għall-għażla ta' referenza effettiva fl-infiq, id-dħul mill-irkant fl-2020 għandu jirrappreżenta xi 0.5% tal-PGD, jew €75 bn. F'uħud mill-Istati Membri l-ġodda, id-dħul jista' saħansitra jaqbeż il-1% tal-PGD. Għandu jitfakkar li l-irkanti jkunu miftuħa għall-operaturi mill-Istati Membri kollha.

Fil-każ ta' rkant parzjali (eż. irkant sħiħ biss għas-settur ta' l-enerġija), id-dħul mill-irkant jitnaqqas b'madwar nofs dawn l-istimi. Użu akbar ta' l-attivitajiet ibbażati fuq il-proġetti, bħas-CDM, għandu jnaqqas aktar id-dħul għall-awtoritajiet nazzjonali minħabba prezzijiet tal-karbonju aktar baxxi.

(b) It-tqassim tad-drittijiet ta' l-irkant lill-Istati Membri

Anki meta jitqiesu l-effetti pożittivi ta' tqassim mill-ġdid ta' modulazzjoni tal-PGD/capita għall-miri fis-setturi li mhumiex ta' l-EU-ETS, l-ispejjeż diretti relattivi totali xorta jkunu ferm għolja f'għadd ta' Stati Membri bi PGD/capita relattivament baxx meta mqabbla mal-pajjiżi għonja. Dawn l-ispejjeż diretti relattivi ogħla huma r-riżultat ta' potenzjal akbar għall-enerġija rinnovabbli kif ukoll ta' potenzjali kbar ta' mitigazzjoni fis-setturi ta' l-EU-ETS u bi PGD/capita relattivament baxx. Għal din ir-raġuni, huwa utli li wieħed iqis possibbiltajiet alternattivi għat-tqassim tad-drittijiet ta' l-irkant li, flimkien mal-metodu ta' l-iffissar tal-miri għas-setturi li mhumiex ta' l-EU-ETS, jistgħu jsaħħu aktar il-kriterju tal-ġustizzja bejn l-Istati Membri. Naturalment, peress li l-irkanti nazzjonali se jkollhom ikunu miftuħa għall-istallazzjonijiet kollha fl-UE, dan ikollu biss effetti ta' tqassim fuq il-livell ta' l-Istati Membri u ma jaffetwax is-sitwazzjoni fejn ikun hemm l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd fejn għandhom x'jaqsmu l-istallazzjonijiet koperti mill-EU-ETS.

Fil-valutazzjoni ta' impatt, tqiesu diversi alternattivi. Għal stimi ta' l-ispejjeż kif ippreżentati fit-Tabella II, l-alternattiva tinżamm fejn 90% tad-drittijiet ta' l-irkant jitqassmu skond sehem l-Istati Membri fl-emissjonijiet ta' l-2005 fl-EU-ETS, u l-10% tad-drittijiet ta' l-irkant li jifdal jitqassmu lill-pajjiżi bi dħul baxx fejn jitqies il-PGD/capita u l-aspettattivi ġenerali ta' tkabbir li għandhom. Dan għandu jwassal biex l-Istati Membri l-ġodda jirkantaw aktar konċessjonijiet milli s-setturi domestiċi tagħhom jeħtieġ li jakkwistaw. L-alternattiva 3 tat-Tabella II turi l-istess spejjeż tas-sistema ta' l-enerġija bħal fl-alternattiva 2, biż-żieda ta' l-ammont li kull settur ta' l-ETS ta' l-Istati Membri jeħtieġ li jonfoq biex jakkwista konċessjonijiet u bit-tnaqqis ta' l-ammont tad-dħul mill-irkant riċevut mill-Istati Membri. Metodu ta' tqassim tad-drittijiet ta' l-irkant bħal dan jista' jirriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' l-ispejjeż diretti totali esperjenzati mill-Istati Membri bi PGD/capita relattivament baxx. Fl-istess ħin, għall-pajjiżi aktar għonja, iż-żieda totali fl-ispejjeż diretti tibqa' waħda limitata. Il-valutazzjoni ta' impatt turi wkoll li f'termini ta' effetti makroekonomiċi (PGD, konsum privat, impjiegi), tqassim mill-ġdid bħal dan jista' jkollu effetti pożittivi għall-pajjiżi bi dħul baxx.

(c) L-effetti makroekonomiċi ta' l-irkant

L-effetti fuq il-PGD, il-konsum privat u l-impjiegi tal-pakkett b'mod ġenerali u ta' l-irkant b'mod partikolari ġew ivvalutati bil-mudelli GEM-E3 u PACE skond diversi xenarji ta' mudellar. Waħda mis-suppożizzjonijiet ta' dawn ix-xenarji hija li d-dħul mill-irkant ġie riċiklat lura fl-ekonomija. Fil-każ ta' allokazzjoni ħielsa, ġie stmat li, sa l-2020, il-PGD għandu jitnaqqas bi ftit aktar minn -0.5%, jew fi kliem ieħor, il-PGD bejn l-2005 u l-2020 għandu jiżdied b'37.5% minflok bit-38% previst (ara t-tabella III). L-introduzzjoni ta' l-irkant

fl-EU-ETS tnaqqas l-effetti negattivi fuq il-PGD: minn -0.5 għal -0.35%. Madankollu, effetti bħal dawn ma ġewx ikkonfermati fis-simulazzjonijiet bil-mudell PACE, fejn essenzjalment mhemm l-ebda differenza makroekonomika bejn allokazzjoni ħielsa, fuq naħa waħda, u rkant ikkombinat ma' riċiklaġġ tad-dħul, fuq l-oħra. Il-letteratura ekonomika turi li l-impatt makroekonomiku ta' l-irkant fil-biċċa l-kbira jiddependi minn kif id-dħul jiġi riċiklat lura fl-ekonomija.

Id-differenza primarja bejn l-irkant u l-allokazzjoni ħielsa tal-konċessjonijiet hija f'termini ta' l-impatti li jkollhom fuq it-tqassim tad-dħul. Bi rkant, id-dħul mill-konċessjonijiet imur għand l-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li b'allokazzjoni ħielsa, il-valur tal-konċessjonijiet imur għall-istallazzjonijiet koperti mill-ETS. L-ispiża ta' l-opportunitajiet ta' konċessjoni hija identika fiż-żewġ każijiet. L-impatti makroekonomiċi ħżiena ta' l-introduzzjoni fis-setturi ta' l-EU-ETS ta' limitu għall-emissjonijiet tal-gassijiet permezz ta' l-irkant jista' jiġi parzjalment ikkumpensat billi d-dħul mill-konċessjonijiet jmur lura lejn l-ekonomija. Ovvjament, il-metodu magħżul mill-Istati Membri sabiex jirriċiklaw dan id-dħul fl-ekonomija huwa importanti sabiex tkun iddeterminata l-iskala ta' dan l-effett ta' kumpens. It-trasferimenti diretti lill-familji jtejjeb il-konsum privat, imma jista' jkollu inqas impatt fuq l-impjiegi. It-tnaqqis tat-taxxi fuq ix-xogħol jista' jiġġenera benefiċċji għall-impjiegi u t-tnaqqis tat-taxxi korporattivi jista' jnaqqas l-impatt dirett fuq is-setturi affetwati.

L-irkant sħiħ tal-konċessjonijiet jimponi spiża finanzjarja addizzjonali fuq id-ditti, b'mod partikolari dawk intensivi fl-enerġija jekk ma jkunux jistgħu jgħaddu l-ispiża tal-konċessjonijiet minħabba espożizzjoni għal kompetizzjoni intensiva minn barra l-UE (ara l-Kapitolu 11).

## 7. L-ENERĠIJA RINNOVABBLI

(a) Il-miri għall-enerġija rinnovabbli

L-istess bħall-miri għall-GHG, l-iffissar ta' miri għall-enerġija rinnovabbli bbażati fuq alternattiva ta' referenza effiċjenti fl-infiq jirriżulta f'allokazzjoni mhux ugwali ta' sforz u ta' spejjeż fost l-Istati Membri. B'hekk intużat alternattiva komplementari għal tixrid aktar ugwali ta' l-isforzi ekonomiċi bejn l-Istati Membri meta mqabbel ma' l-alternattiva ta' referenza.

Il-valutazzjoni ta' impatt tipprovdi analiżi taż-żewġ alternattivi ewlenin għat-tqassim ta' l-isforz fl-enerġija rinnovabbli:

1. abbażi tal-potenzjal tar-riżorsi nazzjonali ta' l-enerġija rinnovabbli ta' l-Istati Membri
2. fuq il-bażi tar-rekwiżit li nofs l-isforz isir permezz ta' żieda b'rata fissa fis-sehem ta' l-enerġija rinnovabbli u n-nofs l-ieħor mgħobbi mill-PGD, modulati biex jitqiesu l-linja bażi nazzjonali u l-iforzi li diġà twettqu.

Iż-żewġ alternattivi ġew ivvalutati b'paragun ma' għadd ta' kriterji. Ġie konkluż li l-kombinazzjoni ta' rata fissa/PGD hija aktar xierqa u tirrispetta aħjar il-kriterju tal-ġustizzja.

(b) Sistema mtejba ta' garanzija ta' l-oriġini

Permezz tad-Direttiva 2001/77/KE, inħoloq reġim ta' garanzija ta' l-oriġini (GO) sabiex ikun iffaċilitat il-kummerċ domestiku jew internazzjonali ta' l-elettriku rinnovabbli (jiġifieri prova tan-natura ekoloġika ta' l-elettriku) u sabiex tiżdied it-trasparenza fl-għażla tal-konsumaturi bejn elettriku rinnovabbli u elettriku mhux rinnovabbli. Id-Direttiva stabbiliet ċerti rekwiżiti minimi, għalkemm l-użu tagħhom huwa volontarju. Bħalissa, uħud mill-Istati Membri jużawhom għal finijiet ta' żvelar ta' l-informazzjoni; oħrajn sempliċiment jirrakkomandaw prattiki bħal dawn; oħrajn għadhom jużawhom sabiex jikkwalifikaw għal skemi nazzjonali ta' appoġġ. Dawn il-perspettivi nazzjonali differenti wasslu għal speċifikazzjonijiet differenti għall-GOs fl-Istati Membri, li żiedu mingħajr ħtieġa l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet.

Il-valutazzjoni ta' impatt tanalizza l-istandardizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-garanzija ta' l-oriġini, fejn testendi r-reġim mill-elettriku għas-settur tat-tisħin fuq skala kbira, li teħtieġ rikonoxximent reċiproka u l-iffissar ta' linji gwida dwar il-ħruġ. Ir-riżultat ta' standardizzazzjoni bħal din għandu jkun il-ħolqien ta' reġim ta' ċertifikazzjoni uniku u robust li jkun preċiż, affidabbli u reżistenti għall-frodi. L-analiżi tissuġġerixxi li reġim bħal dan se jiffaċilita bil-kbir il-kummerċ fl-enerġija rinnovabbli u se jgħin lill-Istati Membri biex jiżviluppaw ir-riżorsi ta' l-enerġiji rinnovabbli tagħhom bl-aktar mod effettiv fl-infiq possibbli.

(c) It-Trasferibbiltà tal-Garanziji ta' l-oriġini ta' l-enerġija rinnovabbli

Konsegwenza tal-metodu magħżul għad-determinazzjoni tal-miri għall-enerġiji rinnovabbli, hija li għal dawk il-pajjiżi li għandhom potenzjal għar-riżorsi aktar baxx u mira ta' livell relattivament għoli se jsibuha aktar diffiċli biex jilħqu l-miri tagħhom. Għall-elettriku rinnovabbli u għas-sħana fuq skala kbira, ġiet prevista l-introduzzjoni ta' Garanziji ta' l-Oriġini (GO) trasferibbli sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-miri tagħhom b'inqas spejjeż u b'hekk aktar faċilment.

Il-benefiċċji permezz ta' spejjeż diretti mnaqqsa minħabba flessibbiltà mtejba meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn kull pajjiż irid jilħaq il-mira tiegħu f'ambitu domestiku ġew analizzati bil-mudell PRIMES, u ġew stmati li, fl-2020, ilaħħqu € 8 bn. *Eżerċizzju differenti ta' mudellar li juża l-mudell PACE fuq bażi differenti (il-mira tal-GHG kif ukoll mira ta' 30 % għall-elettriku rinnovabbli) irriżulta fi previżjoni li bl-ebda flessibbiltà, id-deterjorazzjoni fir-rendiment ekonomiku ta' l-UE tista' tirrappreżenta 0.2 % tal-PGD. Indika wkoll żieda ħafna ikbar fil-prezzijiet ta' l-elettriku milli f'mudelli oħra.* Id-differenzi bejn l-istimi ta' l-impatt ta' l-iskambju tal-GOs huma minħabba d-differenzi fl-ispejjeż stmati u fil-potenzjal effettiv fl-infiq ta' l-enerġiji rinnovabbli, differenzi fi gwadanji previsti ta' l-effiċjenza fl-enerġija (li jwasslu għal livell assolut aktar baxx ta' enerġiji rinnovabbli sabiex jintlaħaq l-20%), u l-fatt li wħud mill-mudelli jinkludu importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli li huma indipendenti mit-trasferimenti tal-GOs filwaqt li oħrajn mhumiex.

Filwaqt li l-vantaġġi ġenerali u makroekonomiċi tal-ftuħ tas-suq tal-GOs huma ċari, l-inċertezza li ddawwar l-impatti tat-tqassim u r-riskju assoċjat mal-bidliet fl-iskemi ta' appoġġ jimplikaw li metodu kawt ikun xieraq. L-inċertezza u r-riskju huma kwistjonijiet diffiċli li jkunu mmudellati u analizzati, imma jidher ċar li t-tkabbir ta' l-industrija, li huwa dipendenti fuq l-appoġġ (bħall-parti l-kbira tas-settur ta' l-enerġija rinnovabbli llum), huwa sensittiv għal kwalunkwe bidla fir-reġimi ta' appoġġ. Barra minn hekk, il-valutazzjoni ta' l-impatt turi li l-kummerċ GO mhux ristrett jista' jkollu impatt fuq miżuri ta' promozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u jista' joħloq xi profitti sinifikanti mhux mistennija għall-produtturi eżistenti ta' l-enerġija rinnovabbli. Fl-aħħarnett, il-prospettiva li jinxtraw il-GOs tista' tnaqqas il-pressjoni

fuq il-gvernijiet nazzjonali biex ineħħu l-barrieri għal żvilupp fuq skala kbira ta' l-enerġiji rinnovabbli (it-tfassil ta' l-aċċess għall-grid, il-ġestjoni tal-konġestjonijiet, l-ibbilanċjar tas-swieq, ir-reġimi ta' l-ippjanar, u l-proċessi amministrattivi) li jistgħu jqiegħdu l-ilħiq tal-miri nazzjonali f'riskju.

Il-punt safejn l-Istati Membri se jistrieħu fuq arranġamenti ta' flessibbiltà bħal dawn se jiddependi fuq firxa ta' fatturi li huwa diffiċli jkunu previsti ex-ante. B'mod ġenerali, jekk jingħata lok għall-flessibbiltà madwar miri tal-metodu tar-rata fissa/tal-PGD dan jissarraf fi tnaqqis fl-ispejjeż u jkunu provduti inċentivi addizzjonali għas-sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli f'pajjiżi b'potenzjal għoli imma b'nuqqas ta' kapaċità biex jiffinanzjaw l-istrumenti meħtieġa. Bħala tali, it-trasferiment tal-Garanziji ta' l-Oriġini jista' jwassal għal trasferiment finanzjarju nett lejn pajjiżi b'mira aktar baxxa (pajjiżi bi dħul baxx) u potenzjal relattivament għoli tar-rinnovabbiltà ta' l-enerġija. L-alternattiva 5 tat-Tabella II turi l-ispejjeż diretti f'kull pajjiż, fejn jitqiesu l-flussi finanzjarji dovuti għat-trasferibbiltà tal-GOs[9].

Fl-aħħarnett, l-alternattiva preferuta tal-Kummissjoni hija li jinħoloq reġim li jirriżulta fit-trasferibbiltà tal-GOs u li titħalla biżżejjed diskrezzjoni lill-Istati Membri f'termini tal-livell u tal-pass tat-trasferibbiltà tagħhom. Dan jippermetti lill-Istati Membri jkomplu jmexxu l-iskemi ta' appoġġ tagħhom bil-ħsieb li jsir l-iżvilupp tat-teknoloġija ta' l-enerġija rinnovabbli fi ħdan it-territorju nazzjonali tagħhom. Fl-istess ħin ikun hemm ftuħ parzjali tas-suq li jħalli l-Istati Membri japprofittaw mir-riżorsi rħas u jilħqu l-miri tagħhom b'mod iktar effettiv fl-infiq.

Valutazzjoni tat-trasferiment tal-garanziji ta' l-oriġini bejn l-Istati Membri f'ċirkostanzi fejn l-Istati Membri jibqgħu jkollhom l-għażla ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali għandha titwettaq wara li tkun inkisbet esperjenza suffiċjenti.

(d) Il-bijofjuwils

Il-Kunsill Ewropew ddeċieda dwar mira ta' 10% għall-bijofjuwils għat-trasport, soġġett għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni, id-disponibbiltà kummerċjali ta' bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni u l-emenda xierqa tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwil biex ikun hemm livelli adegwati'ta' taħlit. Fil-pjan ta' rotta ta' l-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni eżaminat l-impatt ta' l-ilħiq ta' dan il-għan. Hija kkonkludiet li tkun teħtieġ spiża addizzjonali, imma din tirriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' l-importazzjonijiet taż-żejt, tiġġenera aktar impjiegi u tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Biex ikun żgurat li l-bijofjuwils kollha użati biex tintlaħaq il-mira vinkolanti ta' kombinazzjoni ta' 10% huma prodotti b'mod sostenibbli, jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tas-$CO_2$, il-Kummissjoni timpenja ruħha bil-ħolqien ta' reġim ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils fil-pjan ta' rotta għall-enerġija rinnovabbli.

Il-valutazzjoni ta' impatt tal-Kummissjoni tanalizza għadd ta' għażliet ewlenin għat-tfassil ta' l-iskema u tikkonkludi li għandha tinkludi livell minimu ta' 35% għall-iffrankar tal-gassijiet serra, projbizzjoni taż-żoni ta' konverżjoni bi stokk għoli tal-karbonju jew valur għoli t'l-bijodiversità u (fl-UE) estensjoni tal-kriterji tal-kundizzjonalità biex ikopru l-għalf kollu użat għall-produzzjoni tal-bijofjuwils.

9 Dawn l-istimi għandhom livell ogħla ta' inċertezza peress li huma ferm sensittivi rigward l-istima tal-potenzjal effettiv fl-infiq ta' l-enerġiji rinnovabbli f'kull pajjiż, li huwa diffiċli li jiġi valutat u previst sa l-2020

Potenzjalment, l-iskema żżid il-benefiċċji annwali tal-gassijiet serra b'talanqas 7 Mt $CO_{2eq.}$ Dawn il-kalkoli ma jqisux il-benefiċċji tal-gassijiet serra jekk tiġi evitata bidla fl-użu ta' l-art jew il-benefiċċji tal-bijodiversità.

## 8. L-UŻU TA' ATTIVITAJIET IBBAŻATI FUQ PROĠETTI, BĦAS-CDM, BĦALA PARTI MILL-IMPENN INDIPENDENTI TA' 20%

Il-Protokoll ta' Kjoto ħoloq il-possibilità ġdida li wieħed jaqla' l-krediti tal-karbonju bħala premju għal investimenti fi proġetti li jiffavorixxu l-klima barra mill-pajjiż. L-UE minn dejjem kienet favorevoli għas-CDM peress li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod effettiv fl-infiq fuq livell globali. Fi ħdan l-EU-ETS toffri opportunitajiet għan-negozji sabiex jużaw dawn il-krediti għal konformità mal-miri domestiċi tagħhom. Barra minn hekk, jekk wieħed iqis il-krediti ġġenerati minn attivitajiet ibbażati fuq proġetti, bħas-CDM, fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali, dan jista' jgħin ferm sabiex jingħelbu wħud mill-impatti ekonomiċi negattivi possibbli fuq l-industrija Ewropea. Madankollu, dan jeħtieġ sforz ikbar sabiex tintlaħaq il-mira ta' l-enerġiji rinnovabbli u t-titjib fit-tniġġis ta' l-arja jkun iżgħar. Fl-aħħarnett, ikun hemm inqas pressjoni li timbotta l-użu u l-iżvilupp ulterjuri ta' teknoloġiji nodfa innovattivi fl-UE.

(a) l-effetti ġenerali ta' l-investimenti f'attivitajiet ibbażati fuq proġetti, bħas-CDM

Il-valutazzjoni ta' impatt tqis diversi livelli ta' aċċess għal mekkaniżmi tat-tip tas-CDM. F'dan il-kuntest, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet totalment differenti: (1) il-każ ta' impenn indipendenti għat-tnaqqis ta' 20% tal-GHG bl-ebda ftehim internazzjonali, u (2) il-każ ta' ftehim internazzjonali, u tnaqqis ta' 30% fil-GHG fl-UE. Fil-każ ta' l-impenn indipendenti ta' 20%, il-valutazzjoni ta' impatt tassumi li l-UE tkun l-unika reġjun fid-dinja mfittxija għall-krediti CDM.

Skond xenarju ta' tnaqqis ta' 20% fil-gassijiet serra, fejn l-UE biss tkun imfittxija għall-krediti CDM u b'aċċess bla limiti għal krediti bħal dawn, ġie previst li l-prezzijiet tal-karbonju ikunu potenzjalment baxxi daqs €4/tunnellata metrika u l-emissjonijiet ta' l-UE jitnaqqsu biss marġinalment. Dan jimplika li ma tinkiseb l-ebda bidla sinifikanti fis-sistema ta' l-enerġija tagħna, li l-iffrankar taż-żejt u tal-gass ma jimmaterjalizzax ruħu u li l-innovazzjoni teknoloġika ma tingħatax spinta fi ħdan l-UE. Barra minn hekk mira ta' 20% għall-RES ssir ferm aktar diffiċli li tintlaħaq, u jkun meħtieġ ferm aktar appoġġ għat-teknoloġiji ta' l-enerġiji rinnovabbli. Dan il-metodu jfisser inqas tmexxija min-naħa ta' l-UE rigward it-tibdil tal-klima u impetu iċken sabiex ikun hemm żvilupp u użu ta' teknoloġiji avvanzati ta' l-enerġija u b'livell baxx ta' karbonju.

Għalhekk, kienu analizzati xenarji oħra fejn attivitajiet ibbażati fuq proġetti, bħas-CDM, xorta jistgħu jikkontribwixxu sabiex tintlaħaq il-mira indipendenti ta' l-UE ta' tnaqqis ta' 20% fil-GHG, (ara l-kolonna 3 tat-tabella III) għalkemm b'xi limiti. L-Alternattiva fil-kolonna 3 tassumi li attivitajiet ibbażati fuq proġetti jitħallew jilħqu livell li jiżgura li l-prezz tal-karbonju fl-UE mhuwiex ogħla minn € 30[10].

[10] Il-prezzijiet tal-karbonju jistgħu jkunu iktar baxxi għal dawk mhux fl-ETS minn €30 għall-Istati Membri li jistgħu jilħqu l-miri ta' dawk mhux fl-ETS bi prezz irħas.

It-tnaqqis intern li jirriżulta għandu jkun sinfikanti. F'każ ta' prezz tal-karbonju ta' €30 għal kull tunnellata ta' $CO_2$, l-isforzi totali għat-tnaqqis fl-emissjonijiet sa l-2020 għandhom inaqqsu b'terz meta mqabbla ma' sitwazzjoni mingħajr aċċess għal mekkaniżmi tat-tip tas-CDM, minn -14.5% għal -9.3% meta mqabbla ma' l-emissjonijiet ta' l-2005. Fl-istess ħin, l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli jeħtieġ li jiżdied sabiex ikun żgurat li l-mira tas-sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli tkun tista' tintlaħaq. L-ispejjeż ġenerali jonqsu għal 0.45% tal-PGD ta' l-UE jew madwar € 70bn fl-2020, jiġifieri ammont sinifikament inqas meta mqabbel mal-każ bla aċċess għat-tip CDM tal-mekkaniżmi. Bl-istess mod, il-benefiċċji, pereżempju relatati mal-kwalità ta' l-arja, għandhom jonqsu.

(b) l-effetti ta' l-aċċess għall-JI/għas-CDM fit-tieni perjodu ta' skambju ta' l-EU-ETS u l-qasam bankarju

Meta jitqies l-aċċess xieraq għas-CDM għall-perjodu 2013-2020, huwa wkoll importanti li jitqies it-trattament tal-krediti CDM fil-perjodu ta' skambju ta' l-EU-ETS 2008-2012. Id-deċiżjonijiet dwar il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni għal dan il-perjodu ippermettew krediti JI/CDM tul it-tieni perjodu ta' skambju fl-EU-ETS ta' aktar minn 13% minbarra l-limitu massimu ta' l-emissjonijiet toali li ġie ffissat. Minħabba l-possibbiltà li jintużaw il-krediti JI/CDM għal finijiet ta' konformità fil-perjodu 2008-2012 u sabiex titfaddal kwalunkwe konċessjoni żejda, il-limitu eżistenti għall-użu tal-JI/tas-CDM fit-tieni perjodu ta' skambju ta' l-EU-ETS jista' jkollu impatt ikbar fuq il-perjodu wara l-2012. Jekk wieħed jassumi li dan il-limitu massimu assolut ta' 13% fil-perjodu 2008-2012 jinfirex għal finijiet ta' konformità tul il-perjodu 2008-2020 kollu, dan għandu jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor 5% tal-limitu massimu totali, jew diġà madwar kwart ta' l-isforz meħtieġ għat-tnaqqis sa l-2020 fi ħdan l-EU-ETS.

Għalhekk jista' jiġi konkluż li d-deċiżjonijiet meħuda skond il-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni għat-tieni perjodu ta' skambju ta' l-EU-ETS b'relazzjoni mal-livell permess tal-krediti tal-karbonju, flimkien mal-possibbiltà li l-konċessjonijiet mill-2008-2012 jitfaddlu għat-tielet perjodu ta' skambju (2013-2020), jixbhu l-alternattiva 3 fit-Tabella III.

(c) Lejn il-mira ta' tnaqqis ta' 30% fil-gassijiet serra permezz ta' aktar krediti CDM

Sabiex ikun ivvalutat l-impatt ta' impenn skond ftehim internazzjonali għal aktar tnaqqis ta' -30% fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sa l-2020, meta mqabbel ma' l-1990, żewġ xenarji ġew ivvalutati permezz tal-mudell POLES: Wieħed fejn il-mira ta' tnaqqis ta' 20% tal-GHG tintlaħaq mingħajr aċċess għas-CDM u wieħed fejn il-mira ta' tnaqqis ta' 30% tal-GHG tintlaħaq b'aċċess sħiħ għas-CDM. L-impatt previst fuq is-sistema ta' l-enerġija ta' l-UE u b'hekk fuq it-tnaqqis fil-gassijiet serra huwa simili għaż-żewġ xenarji bid-differenza ewlenija li madwar terz mill-isforz fix-xenarju tat-tnaqqis ta' 30% tal-GHG jintlaħaq permezz ta' xiri ta' krediti CDM.

Dan jindika li tnaqqis kbir intern fl-emissjonijiet skond l-impenn indipendenti, qrib il-mira ta' tnaqqis ta' 20% tal-GHG, jeħtieġ biss bidliet addizzjonali żgħar fis-sistema ta' l-enerġija ta' l-UE jekk tkun miftiehma mira multilaterali ta' 30% u jkun previst aċċess akbar għas-CDM. Minkejja dan, f'każ ta' tnaqqis ta' 30% tal-GHG bħal dan fi ħdan ftehim internazzjonali, ikollhom ikunu disponibbli riżorsi finanzjarji sostanzjali sabiex ikunu akkwistati krediti addizzjonali ġenerati permezz tas-CDM.

## 9. SIGURTÀ MTEJBA TA' L-ENERĠIJA: TNAQQIS FL-IMPORTAZZJONIJIET TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS

L-iffrankar ta' l-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass kien stmat bil-mudell PRIMES. Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ta' l-enerġija derivati permezz tal-mudell POLES iqisu s-setgħa tas-suq ta', pereżempju, l-OPEC. Il-prezzijiet taż-żejt jogħlew minn US$ 55 il-barmil fl-2005 sa US$ 61 il-barmil fl-2020, filwaqt li l-prezzijiet tal-gass jiddependu fuq l-indiċi taż-żejt u b'hekk isegwu żvilupp simili. Intużat rata tal-kambju ta' US$ 1.25 għal kull €.

Jekk il-prezzijiet għolja taż-żejt attwali li jlaħħqu madwar US$ 100 il-barmil ikomplu, jonqsu l-ispejjeż dovuti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni proposta dwar l-enerġija u t-tibdil tal-klima (ara il-kapitolu 4, b).

It-Tabella III turi l-impatt tad-diversi xenarji ta' l-immudellar. Il-valur ta' l-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass iffrankati huwa ta' 0.3% tal-PGD (jiġifieri, iffrankar ta' importazzjonijiet ta' €47 bn mingħajr CDM). B'hekk l-ekonomija ta' l-UE tkun inqas esposta għad-disturbi u għax-xokkijiet fil-prezzijiet li jistgħu jirriżultaw mill-konċentrazzjoni tal-provvista f'għadd limitat ta' pajjiżi. L-ilħiq tat-tnaqqis fil-gassijiet serra barra mill-UE permezz ta' investimenti fis-CDM jimplika li dawn il-benefiċċji tas-sigurtà ta' l-enerġija jitnaqqsu.

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ż-żieda ta' l-enerġija rinnovabbli skond il-miri miftiehma mill-Kapijiet ta' l-Istat jagħmel lill-UE ferm inqas dipendenti fuq l-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. Wara effetti pożittivi tal-bilanċ kummerċjali, dan inaqqas l-espożizzjoni ta' l-ekonomija ta' l-UE għal prezzijiet ta' l-enerġija li jiżdiedu u li jkunu volatili, għall-inflazzjoni, għar-riskji ġeopolitiċi u għar-riskji relatati ma' ktajjen ta' forniment inadegwati li mhumiex jissodisfaw it-tkabbir fid-domanda globali.

## 10. L-IMPATTI FUQ L-ISPEJJEŻ TAL-ĠENERAZZJONI TA' L-ENERĠIJA, FUQ IL-PREZZIJIET TA' L-ELETTRIKU U FUQ IN-NEFQA FL-ENERĠIJA TAL-KONSUMATURI

It-Tabella III tindika li ż-żieda fl-ispejjeż medji tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku tvarja bejn 23 u 33% meta mqabbla ma' l-iżviluppi tal-linja bażi ta' PRIMES, bl-inqas żieda tkun fil-każ li parti mill-isforz jiġi sodisfatt permezz ta' investimenti fis-CDM (ix-xenarji 4 u 5). L-effetti fuq il-prezzijiet medji ta' l-elettriku[11] (bejn 19 u 26%) huma iċken miż-żidiet fl-ispejjeż tal-ġenerazzjoni ta' l-enerġija peress li l-prezzijiet ta' l-elettriku jinkludu l-ispejjeż tal-grid, li fil-parti l-kbira ma ġewx affettwati.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-linja bażi tal-PRIMES tassumi li l-EU-ETS tkompli għaddejja bi prezzijiet tal-karbonju li jlaħħqu €22 għal kull tunnellata metrika ta' $CO_2$ sa l-2020 b'allokazzjoni ħielsa sħiħa tal-konċessjonijiet u bl-ebda spiża speċifika ma tiġi mgħoddija minħabba l-inklużjoni ta' spejjeż ta' opportunità fl-iffissar tal-prezzijiet għall-elettriku. Dan jista' jistma l-iżviluppi fil-livell tal-prezz ta' l-elettriku fil-linja bażi b'inqas milli huma. Għalhekk, iż-żidiet fil-prezzijiet ta' l-elettriku jistgħu jkunu iktar baxxi, bejn 10 u 15% sa l-2020 meta mqabbla mal-linja bażi, fejn jitqiesu l-prezzijiet tal-karbonju tal-lum ta'

[11] Dawn huma l-prezzijiet ta' l-elettriku li l-medja tagħhom ġiet ikkalkulata għal tipi differenti ta' konsumaturi. Il-prezzijiet ta' l-elettriku huma differenti għal konsumaturi żgħar, ta' daqs medju u kbar ta' l-enerġija.

€20 għal kull tunnellata metrika ta' $CO_2$ jew aktar, u l-fatt li ġie rrappurtat minn diversi studji li l-prezzijiet tal-karbonju diġà qed ikunu fattur fil-prezzijiet ta' l-elettriku kurrenti.

Għall-konsumaturi finali, iż-żidiet fil-prezzijiet ta' l-unitajiet ta' l-elettriku jiġu parzjalment ikkumpensati miż-żieda ġenerali fl-effiċjenza ta' l-enerġija, li fix-xenarji ta' politika t'aktar 'il fuq qed jirriżulta fi tnaqqis fil-konsum ta' l-elettriku ta' madwar 10%, biex b'hekk sa ċertu punt qed topponi ż-żidiet fil-prezzijiet ta' l-elettriku li ssemmew aktar 'il fuq.

Dawn l-isforzi kombinati jagħtu lok għal żidiet fl-ispejjeż ta' l-enerġija pjuttost moderati għall-familji li, bejn wieħed u ieħor, qed jiġi stmat li jlaħħqu xi €150 fis-sena (fl-2020). Fil-każ li jkomplu l-prezzijiet għolja taż-żejt tal-lum, dan l-ammont jitnaqqas aktar.

## 11. JIĠU INDIRIZZATI L-IMPATTI TAL-KOMPETITTIVITÀ GĦALL-INDUSTRIJI INTENSIVI FL-ENERĠIJA

Kif ġie osservat fil-kapitolu 8, l-ispejjeż ekonomiċi diretti għall-implimentazzjoni tal-miri tal-gassijiet serra u ta' l-enerġiji rinnovabbli jistgħu jitnaqqsu billi jintużaw il-krediti CDM. Għaldaqstant, b'mod ġenerali, dan għandu jsaħħaħ il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea. Madankollu, l-impatt tat-tnaqqis tar-rikors għas-CDM ivarja – ferm pożittiv għall-kumpaniji innovativi fuq quddiem nett ta' l-iżvilupp u tal-produzzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda tal-futur b'livelli baxxi ta' karbonju, imma sors ta' tħassib għal dawk il-kumpaniji li jipproduċu oġġetti li huma intensivi fil-karbonju u/jew fl-enerġija u li jinbiegħu fi swieq internazzjonali ferm kompetittivi fejn il-parteċipanti mhux Ewropej ma jiffaċċjawx l-istess restrizzjonijiet.

L-UE hija impenjata li tilħaq ftehim internazzjonali dwar it-tibdil tal-klima għall-perjodu ta' wara l-2012, minħabba raġunijiet ambjentali u minħabba raġunijiet relatati ma' kompetizzjoni ġusta għal attivitajiet intensivi fil-karbonju u fl-enerġija. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li titqies il-kwistjoni tat-telf tal-karbonju. Is-simulazzjonijiet bil-mudell PACE jindikaw li l-ilħiq ta' tnaqqis indipendenti ta' 20% tal-GHG mingħajr ma jiġu indirizzati l-impatti fuq is-setturi intensivi fl-enerġija jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet daqs 2.5% ta' l-emissjonijiet ta' l-UE-27 lilhinn mil-livelli tas-soltu f'reġjuni oħra tad-dinja u b'hekk, fid-dawl ta' dan, jitnaqqas l-effett totali tal-politiki ta' l-UE.

(a) Id-definizzjoni tas-setturi u tas-sottosetturi intensivi fil-karbonju u fl-enerġija

L-impatt tal-pakkett propost dwar l-industriji intensivi fl-enerġija u fil-karbonju se jiddependi fuq l-ispiża li ssir relattivament għall-kompetituri barra mill-UE, il-ħila li l-ispiża tiġi mgħoddija fil-prezzijiet tal-prodotti u tas-servizzi, u l-punt safejn jittieħdu miżuri li jikkumpensaw. L-industriji intensivi fl-enerġija jiġu definiti bħala entitajiet tan-negozju fejn ix-xiri tal-prodotti ta' l-enerġija u ta' l-elettriku jammonta għal mill-inqas 3.0% tal-valur tal-produzzjoni.

Studju reċenti tal-Kummissjoni sab li xi 50 sottosettur jistgħu jeħtieġu żidiet fil-prezzijiet għall-prodotti tagħhom li jvarjaw minn 0.1 sa 5% sabiex jirkupraw l-ispejjeż imposti minn prezz tal-karbonju ta' €20 għal kull tunnellata metrika ta' CO2: il-produzzjoni tas-siment u tal-ġir, l-azzar abjad primarju (kalkara tal-funderija li tieħu l-ossiġnu), il-produzzjoni ta' l-aluminju, il-produzzjoni tal-ħġieġ primarju tal-kontenituri u wħud mill-kimiċi bażiċi (il-

produzzjoni ta' l-ammonja, ta' l-aċidu nitriku, u tal-fertilizzanti)[12]. Huwa importanti li jkun magħruf li dan l-istudju ma jivvalutax l-effetti ta' l-introduzzjoni simultanja tal-mira rinnovabbli u l-politiki ta' mitigazzjoni tas-CO2. L-istudju jinnota li mhux probabbli li s-settur tas-siment ikun espost b'mod sinfikanti għall-kompetizzjoni internazzjonali minħabba l-ispejjeż kbar tat-trasport, għalkemm hemm żieda mmarkata fil-kummerċ fil-baċir tal-Mediterran. Minħabba l-kapaċità limitata li jiġu mgħoddija l-ispejjeż addizzjonali, is-setturi li l-aktar li huma f'riskju huma l-produzzjoni ta' l-aluminju primarju, l-azzar abjad primarju (kalkara tal-funderija li tieħu l-ossiġnu) u wħud mill-kimiċi bażiċi. Il-problema tal-kompetittività għall-industriji intensivi fl-enerġija għalhekk jidher li hija konċentrata f'numru limitat ta' industriji ġenwinament intensivi fl-enerġija filwaqt li ma taffetwax b'mod ġenerali l-industrija tal-manifattura bħala tali.

(b) Il-miżuri speċifiċi għas-setturi intensivi fil-karbonju/fl-enerġija

L-analiżi hija bbażata fuq il-mudell PACE li jinkludi kopertura reġjonali u settorjali diżaggregata kif ukoll is-sistemi ta' skambju u l-miżuri ta' politika rilevanti. Ġew ivvalutati miżuri speċifiċi differenti u l-konklużjonijiet li ġejjin ħarġu mir-riżultati murija fit-Tabella V:

– *Il-ftehimiet settorjali globali* li jassumu li sforzi realistiċi minn reġjuni oħra, għandhom iwasslu għal tnaqqis fil-gassijiet serra sostanzjalment akbar fuq il-livell globali u jkollhom effett pożittiv, għalkemm modest, fuq ir-rendiment ta' l-output ta' l-industriji intensivi fl-enerġija. L-effetti ekonomiċi totali (f'termini ta' PGD) tal-pakkett tal-GHG/enerġiji rinnovabbli ta' l-UE, madankollu, m'għandhomx ikunu wisq affetwati.

– *L-allokazzjoni ħielsa tal-konċessjonijiet ta' l-ETS* lill-industriji intensivi fl-enerġija abbażi tal-livelli ta' referenza tikkontribwixxi bil-qawwa kollha sabiex ikun evitat telf sinifikanti ta' l-output mingħajr ma jkun kompromess ir-rendiment totali ta' l-ekonomija kollha hekk kif is-$CO_2$ u l-prezzijiet ta' l-elettriku bilkemm jiġu affetwati. Dan l-istrument jidher li huwa strument ferm b'saħħtu sabiex jikkumpensa t-telf tal-karbonju u l-effetti ħżiena fuq l-industriji intensivi fl-enerġija. Dan huwa saħanistra aktar il-każ jekk l-allokazzjoni ħielsa tagħti lok ukoll għall-kumpens għall-ispejjeż indiretti li jirriżultaw mill-kontenut tas-$CO_2$ tal-konsum ta' l-enerġija intermedja ta' l-industriji intensivi fl-enerġija (eż. l-elettriku) abbażi ta' livelli ta' referenza xierqa.

– L-*inklużjoni ta' l-importaturi* ta' prodotti intensivi fl-enerġija fl-EU-ETS jkollha impatti pożittivi fuq ir-rendiment ta' l-industriji intensivi fl-enerġija u tiġġenera xi tnaqqis globali addizzjonali fil-gassijiet serra. Madankollu, l-ammont nett tal-konċessjonijiet meħtieġa mill-importaturi joħloq pressjoni importanti fuq il-prezz tal-konċessjonijiet ta' l-ETS, li jista' jkollu impatt negattiv fuq is-setturi kollha ta' l-ETS u fuq l-ekonomija kollha u dan għandu jiġi indirizzat.

– *L-aċċess għas-CDM* jillimita b'mod sinifikanti t-telf ta' output ta' l-industriji intensivi fl-enerġija u jnaqqas it-telf tal-karbonju b'mod konsiderevoli. Barra minn hekk, għandu impatt pożittiv fuq l-ispejjeż totali tal-ħarsien soċjali. Bħala tali dan l-istrument inaqqas l-impatt fuq l-industriji intensivi fl-enerġija. Naturalment, it-tnaqqis tal-GHG li ntlaħaq internament fl-UE jinżel ukoll.

---

12 "L-imponiment ta' restrizzjoni unilaterali fuq il-karbonju għall-industriji Ewropej b'konsum intensiv ta' l-enerġija u l-impatti tagħha fuq il-kompetittivtà internazzjonali tagħhom – dejta u analiżi" (*traduzzjoni mhux uffiċjali)*, Studju Ekonomiku nru 297 mid-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

L-ebda miżura unika speċifika ta’ dan il-pakkett waħedha se tkun biżżejjed sabiex tkun żgurata l-kompetittività ta’ l-industriji intensivi fl-enerġija l-aktar esposti. Ir-riżultati fit-Tabella IV juru li għadd minnhom jistgħu jiġu konnessi sabiex jifformaw pakkett koerenti u effettiv, konsistenti ma’ l-għanijiet Komunitarji għall-enerġija u għat-tibdil tal-klima.

## 12. IT-TNAQQIS TAL-PIŻIJIET AMMINISTRATTIVI

### (a) L-EU-ETS

Il-valutazzjoni ta’ impatt għall-analiżi ta’ l-EU-ETS ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-kontribuzzjoni ta’ l-emittenti żgħar u kbar għall-emissjonjiet totali koperti mill-EU-ETS mhix ugwali. L-istallazzjonijiet il-kbar, li jirrappreżentaw biss 7% tan-numru totali ta’ l-istallazzjonijiet, jipproduċu 60% ta’ l-emissjonijiet totali, filwaqt li l-istallazzjonijiet iż-żgħar, li jirrappreżentaw madwar 14% ta’ l-istallazzjonijiet totali, jipproduċu biss 0.14% ta’ l-emissjonijiet totali.

Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv ta’ dan in-numru kbir ta’ emittenti żgħar, il-proposta tal-Kummissjoni se żżomm il-limitu applikabbli kurrenti ta’ 20 MW għall-istallazzjonijiet ta’ kombustjoni imma se tikkombinah ma’ limitu ta’ emissjonijiet ta’ 10,000 tCO2/sena, sakemm jibqgħu taħt il-25 MW. Dawn l-istallazzjonijiet iż-żgħar jistgħu jiġu esklużi biss jekk ikunu ġew stabbiliti miżuri li jilħqu tnaqqis ekwivalenti fil-gassijiet serra f’dawn l-istallazzjonijiet.

### (b) Biex ikun iffaċilitat l-ilħiq tal-mira ta’ l-enerġiji rinnovabbli

Fis-settur ta’ l-enerġiji rinnovabbli, hija meħtieġa firxa ta’ proċeduri amministrattivi sabiex ikunu żviluppati proġetti ta’ enerġiji rinnovabbli, prinċipalment sabiex tkun żgurata konformità mal-leġiżlazzjoni u ma’ l-għanijiet ta’ politika ta’ l-UE kif ukoll dawk nazzjonali, bħall-ħarsien ambjentali, is-saħħa pubblika u l-ħarsien tal-ħaddiema. Madankollu, proċeduri bħal dawn, li jkopru l-ħruġ tal-liċenzji, il-permessi għall-ippjanar, il-valutazzjonijiet ta’ impatt ambjentali u l-approvazzjonijiet għall-aċċess għall-grids, jikkawżaw dewmien u jżidu l-ispejjeż u għandhom effett restrittiv fuq l-użu ta’ l-enerġija rinnovabbli. Il-valutazzjoni ta’ impatt turi li l-proċeduri amministrattivi eżistenti qed ifixklu l-iżvilupp tat-tisħin u tat-tkesiħ rinnovabbli kif ukoll ta’ l-elettriku rinnovabbli.

Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni dwar l-enerġija rinnovabbli teħtieġ li l-Istati Membri jwettqu diversi azzjonijiet li jnaqqsu d-dewmien, l-inċertezzi u l-ispejjeż amministrattivi li jiffaċċjaw in-negozji u l-familji Ewropej.

## ANNESS:

Intużaw l-għodda ta' l-immudellar li ġejjin:

- PRIMES : Dan huwa mudell dettaljat ta' enerġija parzjalment f'ekwilibriju li jitratta s-setturi u t-tipi ta' fjuwil kollha, inkluża t-trasformazzjoni tagħhom, b'mod teknoloġikament għani. Huwa dettaljat fuq il-livell ta' l-Istati Membri, li jagħti lok għal paraguni u għal aggregazzjonijiet sinifikanti fuq il-bażi ta' metodu armonizzat. Intuża sabiex jivvaluta l-bidliet fis-sistema ta' l-enerġija fid-dettall (eż. l-ispejjeż ta' l-investimenti, il-bidliet fit-taħlita u fil-konsum tal-fjuwils).

- GAINS : Dan huwa mudell li jippermetti li jkun ivvalutat l-impatt tat-tnaqqis tal-gassijiet serra (GHGs) li mhumiex $CO_2$ fejn iqis l-iżviluppi fis-sistema ta' l-enerġija. Intuża wkoll sabiex ikun ivvalutat l-impatt li jirriżulta fuq l-emissjonijiet tat-tniġġis ta' l-arja għajr il-GHG.

- GEM-E3 : Dan huwa mudell ta' ekwilibriju ġenerali li jirrappreżenta s-setturi ekonomiċi u l-interazzjonijiet kollha tagħhom imma għandu inqas dettalji dwar teknoloġiji differenti ta' mitigazzjoni. Intuża sabiex jivvaluta l-impatti makroekonomiċi fuq il-livell ta' l-Istati Membri tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-GHG fis-settur ta' l-enerġija (eż., l-effetti fuq il-PGD, fuq il-konsum privat u fuq l-impjiegi).

- PACE: Dan huwa mudell globali ta' ekwilibriju ġenerali simili għall-GEM-E3 imma b'aktar dettalji dwar it-teknoloġiji tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku. Intuża sabiex jeżamina l-impatti speċifiċi għas-setturi fuq l-industrija intensivi fl-enerġija ta' l-ilħiq ta' mira ta' 30% ta' elettriku rinnovabbli u ta' l-għanijiet tal-gassijiet serra. Huwa aktar aggregat fuq il-livell ta' l-Istati Membri mill-GEM-E3.

- POLES: Dan huwa mudell globali ta' l-enerġija f'ekwilibriju parzjali li ntuża sabiex jivvaluta l-impatti ta' ftehim internazzjonali futur fuq is-sistema ta' l-enerġija ta' l-UE. Ma jinkludix impatti makroekonomiċi.

*It-Tabella I     Miri li jorbtu ġuridikament għall-Istati Membri*

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| Miri għall-2020 | Il-mira għat-tnaqqis fis-setturi li mhumiex koperti mill-EU-ETS mqabbla ma' l-2005 | L-ishma ta' l-enerġiji rinnovabbli fid-domanda għall-enerġija finali sa l-2020 |
| AT | -16.0% | 34% |
| BE | -15.0% | 13% |
| BG | 20.0% | 16% |
| CY | -5.0% | 13% |
| CZ | 9.0% | 13% |
| DK | -20.0% | 30% |
| EE | 11.0% | 25% |
| FI | -16.0% | 38% |
| FR | -14.0% | 23% |
| DE | -14.0% | 18% |
| EL | -4.0% | 18% |
| HU | 10.0% | 13% |
| IE | -20.0% | 16% |
| IT | -13.0% | 17% |
| LV | 17.0% | 42% |
| LT | 15.0% | 23% |
| LU | -20.0% | 11% |
| MT | 5.0% | 10% |
| NL | -16.0% | 14% |
| PL | 14.0% | 15% |
| PT | 1.0% | 31% |
| RO | 19.0% | 24% |
| SK | 13.0% | 14% |
| SI | 4.0% | 25% |
| ES | -10.0% | 20% |
| SE | -17.0% | 49% |
| UK | -16.0% | 15% |

*Tabella II l-Impatt ekonomiku tal-passi ewlenin tal-proposti f'termini ta' żieda fl-ispejjeż diretti*[13]

| Spiża bħala % tal-PGD ta' l-2020 | **Għażla ta' referenza effiċjenti fl-infiq** | **It-tqassim mill-ġdid tal-miri li mhumiex fl-ETS mingħajr CDM** | **It-tqassim mill-ġdid tal-miri li mhumiex fl-ETS mingħajr CDM<br><br>+ Tqassim mill-ġdid parzjali għad-drittijiet ta' l-irkant ta' l-EU-ETS** | **It-tqassim mill-ġdid ta' miri mhux fl-ETS<br><br>+ Tqassim mill-ġdid parzjali għad-drittijiet ta' l-irkant ta' l-EU-ETS<br><br>+ mas-CDM** | **It-tqassim mill-ġdid ta' miri mhux fl-ETS<br><br>+ Tqassim mill-ġdid parzjali għad-drittijiet ta' l-irkant ta' l-EU-ETS<br><br>+ mas-CDM<br><br>+ It-tqassim mill-ġdid tal-miri ta' l-RES flimkien ma' l-iskambju sħiħ ta' l-RES** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Għażla 1 | Għażla 2 | Għażla 3 | Għażla 4 | Għażla 5 |
| UE-27 | 0.58 | 0.61 | 0.61 | 0.45 | 0.45 |
| AT | 0.66 | 0.86 | 0.82 | 0.58 | 0.34 |
| BE | 0.76 | 0.83 | 0.93 | 0.69 | 0.70 |
| BG | 2.16 | 1.09 | -0.35 | 0.14 | -1.25 |
| CY | 0.09 | 0.08 | -0.04 | -0.03 | 0.07 |
| CZ | 1.12 | 0.49 | 0.03 | 0.20 | -0.51 |
| DK | 0.29 | 0.57 | 0.50 | 0.22 | 0.11 |
| EE | 1.59 | 1.09 | 0.41 | 0.58 | -0.53 |
| FI | 0.47 | 0.53 | 0.56 | 0.52 | 0.22 |
| FR | 0.39 | 0.39 | 0.37 | 0.32 | 0.47 |
| DE | 0.57 | 0.47 | 0.60 | 0.49 | 0.57 |

[13] Imkejjla bħala bidla fl-ispiża diretta tas-sistema ta' l-enerġija, l-ispiża tat-tnaqqis ta' gassijiet serra li mhumiex $CO_2$ u l-ispejjeż biex jinkisbu l-krediti tas-CDM. Dan mhux telf fil-PGD. Impatti makro-ekonomiċi jingħataw fit-Tabella III.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| EL | 0.97 | 0.74 | 0.53 | 0.60 | 0.59 |
| HU | 1.22 | 0.46 | 0.29 | 0.36 | -0.40 |
| IE | 0.47 | 0.61 | 0.63 | 0.47 | 0.45 |
| IT | 0.49 | 0.99 | 1.05 | 0.51 | 0.66 |
| LV | 1.10 | 1.60 | 1.50 | 0.88 | -0.18 |
| LT | 1.02 | 0.52 | 0.36 | 0.43 | -0.72 |
| LU | 0.54 | 0.89 | 0.91 | 0.59 | 0.70 |
| MT | 0.31 | 0.17 | -0.36 | -0.21 | 0.00 |
| NL | 0.28 | 0.34 | 0.43 | 0.28 | 0.32 |
| PL | 1.24 | 0.48 | 0.32 | 0.38 | 0.02 |
| PT | 0.87 | 0.48 | 0.54 | 0.57 | 0.51 |
| RO | 0.95 | 0.37 | 0.29 | 0.29 | 0.04 |
| SK | 1.17 | 0.79 | 0.74 | 0.60 | 0.26 |
| SI | 0.86 | 1.11 | 0.86 | 0.47 | 0.53 |
| ES | 0.70 | 1.20 | 1.08 | 0.62 | 0.42 |
| SE | 0.66 | 0.69 | 0.70 | 0.74 | 0.78 |
| UK | 0.49 | 0.36 | 0.36 | 0.34 | 0.41 |

*Tabella III L-istampa ġenerali ta' l-impatti fuq il-livell ta' l-UE għax-xenarji ewlenin tal-valutazzjoni ta' impatt*

| **Xenarju** | **1** | **2** | **3** | **4** |
|---|---|---|---|---|
| | **Xenarju ta' referenza effiċjenti fl-infiq** | **It-tqassim mill-ġdid tal-miri li mhumiex fl-ETS mingħajr CDM** | **It-tqassim mill-ġdid tal-miri li mhumiex fl-ETS iżda bis-CDM** | **It-tqassim mill-ġdid ta' miri li mhumiex fl-ETS jew fis-CDM + it-tqassim mill-ġdid ta' miri ta' l-enerġiji rinovabbli, mingħajr skambju ta' l-RES.** |
| Il-prezz tal-karbonju ta' l-ETS (€/tCO2) | 39 | 43 | 30 | 47 |
| Il-prezz tal-karbonju mhux ta' l-ETS (€/tCO2) | 39 | 37 | Mass. 30 | 37 |
| Il-valur ta' l-enerġiji rinnovabbli (€/MWh) | 45 | 44 | 49 | 51 |
| **IL-KLIMA U L-ENERĠIJA**[14] | | | | |
| It-tnaqqis tal-GHG tul l-1990 (%) | -20 | -20 | -14 | -20 |
| It-tnaqqis tal-GHG fis-settur attwali ta' l-ETS inklużi l-emissjonijiet mill-avjazzjoni (% tul l-2005) | -18 | -20 | -13 | -20 |
| It-tnaqqis tal-GHG f'settur li mhux ta' l-ETS (% tul l-2005) | -12 | -10 | -7 | -10 |
| Is-sehem ta' l-enerġiji rinnovabbli fil-Konsum ta' l-Enerġija finali (%) | 20 | 20 | 20 | 20 |
| Il-Konsum Gross ta' l-Enerġija (% bidla mqabbel mal-linja bażi) | -10 | -10 | -5 | -10 |
| L-ispejjeż diretti (% tal-PGD) | 0.58 | 0.61 | 0.45 | 0.66 |
| Il-bidla fl-Enerġija + l-ispejjeż mhux tas-CO2 + il-kisba ta' krediti tas-CDM (bn €) | 91 | 95 | 70 | 103 |
| L-importazzjonijiet imnaqqsa taż-żejt u | 49 | 47 | 41 | 46 |

14 Ir-Riżultati mill-PRIMES/GAINS.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| tal-gass (bn €) | | | | |
| Iż-żieda fl-ispejjeż tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku mqabbla ma' l-ebda spiża mgħoddija rigward l-ispejjeż ta' opportunità (%) | 28% | 30% | 23% | 33% |
| Iż-żieda fil-prezz Medju ta' l-Elettriku meta mqabbla ma' l-ebda spiża mgħoddija rigward l-ispejjeż ta' opportunità (%) | 23% | 24% | 19% | 26% |
| Iż-żieda fil-prezz Medju ta' l-Elettriku fejn titqies l-inklużjoni ta' l-ispejjeż ta' opportunità li bħalissa hemm fis-settur ta' l-enerġija (%) | 10% sa 15% | | | |
| **L-EFFETTI MAKROEKONOMIĊI**[15] | | | | |
| Il-bidla fil-PGD (%) | -0.35 | -0.34 | -0.21 | |
| Il-bidla fil-konsum privat (%) | +0.19 | 0.21 | 0.21 | |
| L-impjiegi (% bidla tul BAU) | -0.04 | -0.09 | +0.05 | |
| **IL-KWALITÀ TA' L-ARJA**[16] | | | | |
| L-ispejjeż tal-kontroll tat-tniġġis ta' l-arja (bn €) | -10 | -11 | -8 | -11 |
| It-tniġġis ta' l-arja: SO2, NOX u PM2.5 (% ta' tnaqqis fl-2020) | -14 | -13 | -10 | -13 |
| **L-IMPATTI SETTORJALI**[17] | (% bidla tul BAU) | | | |
| L-ispiża ta' l-enerġija | 6.4 | 6.3 | 4.4 | 6.8 |
| L-ispiża ta' l-Enerġija għal kull Industrija bil-Valur Miżjud | 12.6 | 13.5 | 9.6 | 14.3 |
| L-ispejjeż ta' l-Enerġija għal kull Settur Terzjarju ta' Valur Miżjud | 1.7 | 2.2 | 0.7 | 3.0 |

15 Ir-Riżultati mill-GEM-E3
16 Ir-Riżultati mill-GAINS.
17 Ir-Riżultati mill-PRIMES.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Il-bidla fil-produzzjoni ta' l-ewwel 3 Setturi Intensivi fl-Enerġija | - 2 | - 2 | < 1.5 | >- 1.5 |

***Tabella IV: L-impatt tal-ftehimiet settorjali internazzjonali u l-allokazzjoni ħielsa għas-setturi intensivi fl-enerġija***[18]

| | **Xenarju ta' Referenza**** | **Xenarju ta' Referenza + aċċess għas-CDM għal 25% ta' l-isforz tat-tnaqqis** | **Xenarju ta' Referenza + ftehimiet settorjali internazzjonali** | **Xenarju ta' Referenza + ftehimiet settorjali internazzjonali + allokazzjoni ħielsa permezz ta' livell ta' referenza għas-Setturi Intensivi fl-Enerġija** | **Xenarju ta' Referenza + ftehimiet settorjali internazzjonali + inklużjoni ta' l-importaturi fl-EU-ETS** | **Xenarju ta' Referenza + ftehimiet settorjali internazzjonali + inklużjoni ta' l-emissjonijiet indiretti** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-sehem ta' l-enerġija rinnovabblifil-konsum ta' l-enerġija ta' l-UE fl-2020 | **20** | **20** | **20** | **20** | **20** | **20** |
| Il-bidla fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' l-UE vs 1990 (% bidla) | **-16.8** | **-11.0** | **-16.8** | **-16.8** | **-16.8** | **-16.8** |
| It-telf tal-karbonju* (% ta' l-emissjonijiet ta' l-UE ta' l-2020) | **2.5** | **0.8** | **-14.1** | **-14.3** | **-14.4** | **-14.1** |
| L-emissjonijiet tas=CO2 fid-Dinja (% ta' emissjonijiet globali fl-1990) | **+47.0** | **46.5** | **+43.9** | **+43.9** | **+43.8** | **+43.9** |
| Il-prezz ta' l-elettriku (% bidla vs.BAU fl-2020) | **22.0** | **13.9** | **22.3** | **22.8** | **22.5** | **22.9** |
| Il-prezz tas-CO2 (Euro għal kull tunnellata ta' CO2) | **34.2** | **21.0** | **34.5** | **35.2** | **34.8** | **35.2** |
| Il-Ħarsien Soċjali (% bidla fil-PGD vs BAU fl-2020) | **-0.69** | **-0.51** | **-0.69** | **-0.69** | **-0.66** | **-0.69** |
| L-output tal-metalli tal-ħadid (% bidla vs BaU) | **-8.0** | **-5.4** | **-7.4** | **-4.8** | **-6.8** | **-4.5** |
| L-output tal-prodotti tal-karti (% bidla vs BaU) | **-1.1** | **-0.7** | **-1.0** | **-1.1** | **-1.0** | **-1.1** |

18 Ir-Riżultati mill-PACE.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-output tal-prodotti minerali (% bidla vs BaU) | **-2.8** | **-1.8** | **-2.6** | **-2.3** | **-2.4** | **-2.4** |
| L-output tal-metalli mhux tal-ħadid (% bidla vs BaU) | **-6.5** | **-4.2** | **-6.4** | **-6.0** | **-6.2** | **-5.0** |
| L-output tal-kimiċi (% bidla vs BaU) | **-4.3** | **-2.7** | **-4.0** | **-3.7** | **-3.7** | **-3.9** |
| * It-telf tal-karbonju ifisser l-impatti relattivi tal-miżuri ta' l-UE fuq l-emissjonijiet tas-$CO_2$ta' pajjiżi oħra li mhumiex membri ta' l-UE (f'% ta' l-emissjonijiet ta' l-UE-27 fl-1990).<br>** Ix-xenarju ta' referenza jinkludi l-irkant parzjali għas-setturi kolha u l-iskambju ħieles tal-GOs | | | | | | |